MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2008

Numru. 950/2006

**Illum 15 ta’ Dicembru, 2008**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**Vs**
**Leonard Cachia ta’ 53 sena, bin Andrew u Mary nee’ Schembri, imwieled Siggiewi fit-18 ta’ Marzu 1953 residenti fi 28, Dar is-Sliem, Misrah ir-Repubblika, Birzebbuga u detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 292453(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Leonard Cachia akkuzat talli:

a. f'dawn il-Gzejjer, f'diversi xhur fis-sena 2006 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ikkorrompa lil Patrick Spiteri, Supretendent tal-Pulizija Ezekuttiva;

b. kif ukoll talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil Patrick Spiteri, Supretendent tal-Pulizija Ezekuttiva, li asserixxa jew ikkonferma li kien kapaci jaghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedu ufficjali tal-Pulizija, sabiex iggieghel lil Patrick Spiteri jezercita dik l-influwenza;

c. u aktar talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, ghamel lottu klandestin jew gabar il-flus tal-gugati fuqu, jew b'xi mod ghen jew hajjar f'daqshekk;

d. kif ukoll talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi ghamilha ta' ricevitur ta' gugati tal-lottu meta ma kienx awtorizzat ghal daqshekk mill-Ministru responsabbli ghall-Finanzi;

e. u aktar talli fl-istess perijodu lok u cirkostanzi biegh jew offra ghal bejgh biljetti tal-lottu pubbliku minn postijiet mhux licenzjati ghal dan il-ghan.

Rat l-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali tas-17 ta' Ottubru 2007;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi u it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi il-fatti kif esposti mill-Prosekuzzjoni u li taw lok ghal dan il-kaz huma is-segwenti. L-imputat jiggestixxi hanut ta' greengrocer gewwa Birzebbuga u ilu jaghmel dan ghal diversi snin. Jidher illi f'xi zmien il-hanut ta'l-imputat kien qed jigi irrejdjat mill-pulizija minhabba xi loghob klandestin. Kien hawnhekk illi huwa avvicina lil certu Gejtu Zerafa u dana bl-iskop illi jiltaqa' mas-Supretendent Patrick Spiteri. Fil-fatt bl-ghajnuna ta' Zerafa, l-imputat iltaqa' ma'l-ex Supretendent gewwa il-Kwartieri Generali tal-Pulizija fl-ufficju tieghu. Hawnhekk sar ftehim dirett bejn l-imputat u s-Supretendent ghar-rigward ta' dak li kellu isehh. L-arrangament kien fis-sens illi l-imputat kellu ighaddi is-somma ta' Lm50 fix-xahar lil Gejtu Zerafa sabiex huwa ighaddi imbaghad dana l-ammont ta' flus lis-Supretendent Spiteri bil-ghan illi l-imputat jigi avzat kull darba illi l-pulizija kienu ikun ser imorru jaghmlu spezzjoni fil-hanut tieghu. Jidher illi fil-fatt dana il-ftehim beda jigi attwat tant illi l-imputat ghamel ammont ta' snin ighaddi is-somma ta' Lm50 fix-xahar kif inghad. Fl-ahhar sena madanakollu l-ammont naqas ghal Lm25 peress illi l-imputat beda ighid illi kien naqaslu x-xoghol tal-loghob fuq l-idejn, liema ammont gie accettat mill-ex Suprtenedent. Jidher illi l-imputat kien anke jigbor xi flus minn ghand persuni ohra u ighaddihom lil Gejtu Zerafa ghall-istess skop u cioe' sabiex huwa ighaddihom lil Spiteri.

Illi l-Prosekuzzjoni waslet ghal dina l-esposizzjoni tal-fatti abbazi tas-segwenti provi. Fl-ewwel lok l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat fil-kors ta'l-investigazzjonijiet (esebiti a fols. 21 u 23 tal-process.), ix-xhieda ta' Gejtu Zerafa li ta l-verzjoni tieghu tal-fatti wara li inghata it-twissija skond il-ligi, u fl-ahharnett ix-xhieda ta' diversi membri tal-Korp Tal-Pulizija fosthom, l-ufficjali l-ohra tal-pulizija involuti fl-investigazzjoni dwar l-allegat tixhim tas-Supretendent Patrick Spiteri. Illi l-ex Supretendent Patrick Spiteri u in-nies l-ohra involuti f'dina l-investigazzjoni u cioe' Carmel Farrugia u Emanuel Spiteri ghazlu li ma jixhdux minnhabba f'proceduri kriminali pendenti fil-konfront taghhom.

Ili sabiex jikkontrobatti dina l-evidenza imressqa mill-prosekuzjoni, l-imputat joffri ix-xhieda tieghu fejn huwa bil-

gurmanet tieghu jinsisti illi dak kollu illi stqarr fiz-zewg stqarrijiet rilaxxjati lil pulizija meta gie interrogat ma kenux veritjieri u huwa espona l-fatti indikati minnu f'dawn l-istqarrijiet biss ghaliex kien jinsab taht pressjoni mill-ufficjali investigattivi u peress illi kien qieghed jibza'. Ghalhekk fix-xhieda tieghu huwa jichad l-involviment tieghu kemm fl-allegat tixhim ta'l-ex Supretendent, kif ukoll jichad l-akkuzi illi huwa b'xi mod kien involut f'xi loghob klandestin.

Illi mal-ewwel il-Qorti tistqarr illi ma temmen xejn minn dak illi jikkontendi l-imputat fix-xhieda moghtija minnu quddiemha. Dana qed jinghad ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok l-istqarrija ta'l-imputat hija mimlija b'dettalji precizi dwar kif sehh dana il-kaz. Dawna id-dettalji jikkombacjaw perfettament max-xhieda moghtija minn Gejtu Zerafa quddiem il-Qorti, xhud illi bl-eda mod ma seta' ikun jaf x'kien il-kontentu ta'l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Illi fit-tieni lok l-imputat jonqos milli jaghti spjegazzjoni sodisfacenti ghar-rigward tar-ragui 'il ghala huwa semma id-dettalji imnizzla fl-istqarrija meta gie interrogat. Anke meta mistoqsi ghar-rigward tad-Dokument LC4 u cioe' il-karti dwar il-loghob klandestin li instabu fir-resisenza tieghu, l-ispjegazzjoni moghtija minnu mhijiex ghajr wahda patetika! X'kienet ir-raguni 'il ghala l-imputat izomm bicctejn karti li sab f'kaxxa tal-haxix li gab mill-pitkalji hija ghal kollox inspjegabbli. Fil-fatt meta mistoqsi mill-Qorti 'il ghala huwa ma qattax dawn il-karti gialdarba ma kienu ifissru xejn ghalih, l-imputat jerga' jonqos milli jaghti spjegazzjoni plawsibbli. L-Qorti ghalhekk minghajr tlaqliq tiddikjara illi x-xhieda ta'l-imputat hija wahda ghal kollox inverosimili u kwazi kwazi tirrazenta il-fieragh.

Il-Qorti ghalhekk temmen bi shih ix-xhieda moghtija minn Gejtu Zerafa f'dawn il-proceduri, liema xhieda tikkombacja perfettament ma' dak li inghad mill-imputat fiz-zewg stqarrijiet rilaxxjati lill-pulizija. Illi fil-kamp penali illum hija dottrina stabbilita illi ma hemmx bzonn illi dak li ighid xhud li ikun komplici f'dellitt jigi korroborat min xhieda ohra, stante illi jekk emnut dina wahidha hija bizzejjed ghas-sejbien ta' htija.

Illi maghmula dina l-esposizzjoni tal-fatti, l-Qorti trid tghaddi sabiex tezamina jekk l-imsemmija fatti jinkwadrawx ruhhom taht l-akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputat. Illi fin-nota tar-rinvju tieghu, l-Avukat Generali essenzjalment jindika zewg disposizzjonijiet tal-ligi u cioe' l-artikolu 120(1) u il-115 ( c) tal-Kodici Kriminali u cioe' l-akkuza dwar it-tixhim jew il-korruzzjoni ta'l-ufficjal pubbliku, l-artikolu 121A(1) u cioe' l-akkuza dwar l-hekk imsejjha "trading in influence" u finalment l-akkuza dwar il-loghob illegali kif previst fil-Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>L-artikolu 115 u 120(1)</u>**:

L-artikolu 115 tal-Kapitolu 9 jitratta dwar il-korruzzjoni minn ufficjal jew impjegat pubbliku. Is-subinciz ( c ) jaqra hekk:

*"Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, jitlob, jircevi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma jkollux jedd jehel meta jinstab hati … jekk barra milli jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, l-ufficjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas milli jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta' prigunerija minn .."*

Illi b'rabta ma' din id-disposizzjoni tal-ligi, l-Avukat Generali iccita ukoll l-artikolu 120, fejn tqies bhala komplici il-persuna li tikkorrompi l-ufficjal pubbliku. Dana huwa applikabbli ghal kaz odjern peress illi l-imputat huwa akkuzat li ikkorrompa ufficjal pubbliku, li f'dana il-kaz huwa l-ex Supretendent tal-pulizija Patrick Spiteri.

Illi mill-assjem tal-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, irrizulta minghajr dubbju illi fi zmien il-kommissjoni tar-reat, Patirck Spiteri kien fil-fatt Supretendent tal-Pulizija u kwindi ufficjal pubbliku. Illi gie ippruvat ukoll illi l-imputat kien ghal diversi snin ixahham lil dan l-ufficjal pubbliku billi ihallsu somma flus fix-xahar sabiex huwa seta' ikompli

jaghmel il-qliegh minn loghob klandestin minghajr ebda indhil da parti tal-pulizija. Illi dana il-ftehim kien intlahaq mas-supretendent fl-ufficcju tieghu gewwa il-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Illi permezz ta' dan l-arrangament l-ex Supretendent kien qed jonqos mid-doveri tieghu billi jippermetti illi l-imputat ikompli jikser il-ligi minghajr ma jipprocedi kontra tieghu skond il-ligi. Anzi huwa tah il-"barka" tieghu u in kontrakambju ghal dina l-"barka", l-ex supretendent kien jircevi il-hlas minn ghand l-imputat! L_imputat ghamel diversi snin jorganizza il-loghob klandestin u ghalhekk jikkometti reat bil-konsapevolezza shiha da parti tas-Supretendent. Illi l-offerta tal-flus kienet tigi accettata b'mod regolari mill-Ex-Supretendent tal-Pulizija, liema flus kienu jigu mghoddija lilu mill-imputat tramite Gejtu Zerafa li xehed f'dawn il-proceduri u ammetta dak kollu li kien qieghed isir.

Illi l-argument sollevat mid-difiza li l-imputat kien biss vittma f'dawn ic-cirkostanzi u cioe' il-vittma tal-Ex Supretendent tal-Pulizija li kien hu li hajjru jaghmel dana kollu ma ghandha l-ebda rilevanza ghal dak dispost f'dan l-artikolu tal-ligi. Dana qed jinghad ghaliex fil-mument illi l-imputat accetta illi ihallas il-flus u dana sabiex jikseb vantagg ghalih, u cioe' illi ikompli jippersisti fl-azzjoni tieghu illegali minghajr ebda problemi minn naha tal-pulizija, huwa irrenda ruhu komplici fil-kommissjoni tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 115. Illi huwa minnu, kif tikkontendi id-difiza, illi membri fil-Korp tal-Pulizija li jaccettaw kwalunkwe tip ta' korruzzjoni ghandhom jigu ikkundannati bi shih, madanakollu, dawk in-nies illi jasslu sabiex jikkorrompu dawn l-ufficjali pubblici ghandhom jigu ikkundannati bl-istess mod u dana sabiex hadd ma jazzarda jahseb illi jista' jaghmel dana sabiex ikun jista' jikser il-ligi minghajr ebda xkiel!

**<u>L-artikolu 121A:</u>**

Illi l-imputat jinsab ukoll akkuzat taht dak dispost fl-artiklu 121A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

*“Kull min iwieghed, jaghti jew joffri, sew b’mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi eprsuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi x influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti ta’ dan is-subtitolu, sabiex igieghel lil dik l-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, ghandu, meta jinsab hati, jehel il-piena ta’ prigunerija ghal zmien minn tlett xhur sa sena.”*

Illi l-interpretazzjoni ta’ din id-disposizzjoni tal-ligi giet esposta f’zewg sentenzi moghtija mill-Qrati taghna u cioe’ wahda moghtija mill-Qorti Kriminali fit-13 ta’ Lulju 2006 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta’ Malta vs Dr. Noel Arrigo u it-tieni wahda deciza mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali fis-17 ta’ Settembru 2008 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Gino Zammit fejn inghad:

“Illi minn ezami ta’l-artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartiklu (1) huwa dak ta’ persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha il-kaz fejn A is-soggett attiv, qieghed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq biex B jinfluwenza kif jiddeciedi C., sija jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor, prezumibbilment D.”

Illi fil-kaz in dizamina irrizulta mill-istqarrija ta’l-imputat (a fol. 21 et seq.), illi huwa kien kellem lil wiehed certu Gejtu u cioe’ lil Gejtu Zerafa u ilmenta mieghu illi kien qed ikollu spezzjonijiet mill-ufficjali tal-pulizija. Kien dana Gejtu li imbaghad laqqghu mas-Supretendent Spiteri. Fix-xhieda tieghu Gejtu Zerafa, isostni illi l-imputat kien diga a konoxxenza tal-fatt illi huwa kien jaf lis-supretendent u ghalhekk talbu sabiex jiltaqa’ mieghu.  Illi l-imputat kien iltaqa’ direttament ma’ Spiteri fl-ufficcju tas-supretendent gewwa il-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Huwa minnu illi dak in-nhar kien mar mieghu dana Gejtu Zerafa, izda

jirrizulta illi filwaqt li kien qieghed jintlahaq dana l-arrangament, Gejtu Zerafa baqa’ jistenna barra il-kamra u kienu wahdehom l-imputat u Spiteri meta intlahaq il-ftehim. Ghalhekk Gejtu Zerafa bl-ebda mod ma influwixxa huwa stess direttament fuq is-supretendent Spiteri, ghaliex kien l-imputat illi ftiehem mieghu. Meta imbaghad gie fis-sehh dana l-arrangament, Gejtu Zerafa kien biss il-persuna jew ahjar il-messaggier li kien iwassal il-flus minn ghand l-imputat ghal ghand l-ex Supretendent. Fil-fatt kif jirrizulta mix-xhieda ta’l-istess Zerafa, huwa ma kienx prezenti ghal laqgha bejn l-imputat u Spiteri u li kien Spiteri li wara l-laqgha kien infurmah b’dak li kienu fthiemu. “Ghandi nghid illi wara l-laqgha illi saret bejn Nardu u is-Supretendent Spiteri, kien is-Supretendent Spiteri li infurmani illi Nardu kellu ighaddilu s-somma ta’ hamsin lira (Lm50). Jiena kont immur nigborhom u nghaddihomlu.” (ara fol.32 tax-xhieda ta’ Gejtu Zerafa).

Illi minn dana kollu jidher car illi il-fattispecje ta’ dana il-kaz ma jistghux jinkwadraw rwiehom taht dak dispost flartikolu 121A(1). Dana qed jinghad peress illi s-soggett attiv li f’dana il-kaz huwa l-imputat li wieghed jew offra l-flus lill-ufficjal pubbliku sabiex jinfluwenzah jew jikkorrompieh. Il-wieghda ta’ dina l-offerta qatt ma saret lil Zerafa. Zerafa kien biss jagixxi bala messaggier li ghen sabiex il-ftehim jigi attwat. Mill-provi ma jirrizultax illi fil-fatt Gejtu Zerafa qatt accetta xi offerta jew kiseb xi vantagg minn dana kollu.

Illi ghalhekk peress illi il-fatti kif esposti ma jinkwadrawx ruhhom taht dina id-disposizzjoni tal-ligi, il-Qorti ma tistax issib htija fil-konfornt ta’l-imputat ghar-rigward ta’l-istess.

**<u>Il-Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta’ Malta</u>**

Illi finalment l-imputat jinsab ukoll akkuzat taht il-Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta’ Malta L-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku. Illi kif diga inghad iktar ‘il fuq il-Qorti ma temmen xejn il-verzjoni moghtija mill-imputat fil-kors tax-xhieda tieghu, meta huwa ammetta fl-istqarrija tieghu illi fil-fatt huwa kien jorganizza il-lottu klandestin. Fil-fatt ir-

raguni li l-imputat igib ghar-rigward tad-Dokumenti LC4 li instabu fil-pussess tieghu mill-pulizija hija raguni irrizorja u l-imputat qatt ma jista' iwassal lil dina l-Qorti temmen illi dawk il-karti huwa sabhom b'kumbinazzjoni f'kaxxa tal-haxix u iddecieda li izommhom ghal ebda raguni. Inoltre instabet ukoll fax machine li giet esbieta ukoll fl-atti ta' dina l-kawza (Dokument LC6) li l-imputat ammetta li kienet tintuza ghall-istess skop. Illi fit-tieni stqarrija (esbeieta a fol.23 u 24), tieghu fil-fatt l-imputat jammetti: "Il-fax machine hija dik li kont nuza ghal-loghob u li ga irreferejt ghaliha fl-istqarrija ta' qabel. Rigward iz-zewg karti nikkonferma li dawk huma r-rati tal-loghob li norganizza jiena. Kont qabbadt wiehed jaghmilli dik il-lista." Ukoll fl-ewwel stqarrija rilaxxjata mill-imputat (esebita a fol.21 u 22), huwa jammetti illi kien ghadu qed jorganizza il-loghob klandestin u ighid: "il-fax nuzaha bhala mezz sabiex il-klijenti jibaghtuli n-numri li jkunu jixtiequ jilghabu. Imbaghad dawn jigu jaghtuni l-flus il-hanut tieghi."

Illi ghalhekk l-ahhar tlett akkuzi jirrizultaw ippruvati. Madanakollu hanwhekk hawn il-konkors tar-reati kif previst fl-artikolu 17(h) u kwindi l-imputat sejjer jinghata il-piena ghar-reat l-iktar gravi biss.

Illi meta tigi biex tikkonsidra il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ma tistax tinjora in-natura serja tar-reati li dwarhom l-imputat jinsab akkuzat b'mod specjali l-akkuza dwar l-korruzzjoni ta'l-ufficjal pubbliku. Il-Pulizija Ezekuttiva ghandha tkun il-pilastru tas-socjeta taghna, stante illi huwa biss bil-presenza taghha illi c-cttadin jista' ighix fis-sigurta' billi jircevi il-protezzjoni kollha li ghandu bzonn sabiex ighix hajja mill-iktar serena. Il-Korp tal-Pulizija ghandu ikun il-gwardjan tas-socjeta u ghandu ikun fih nies ta' integrita' morali soda u nies ta' kuragg u ta' ezempju. Ic-cittadin ghandu ihares lejn il-korp tal-Pulizija sabiex isib l-appogg kollu mehtieg meta huwa ikun vittma ta' xi reat. Ghalhekk ma ghandu qatt ikun hemm nies fis-socjeta li jazzardaw jahsbu illi permezz tal-flus huma jistghu b'xi mod jixtru bil-flus il-poter li l-Istat taghti lill-Pulizija Ezekuttiva u dana bil-ghan illi jaharbu mid-dettamni tal-

Ligi li qieghda hemm sabiex tara illi l-ordni tirrenja fis-socjeta. Dawn it-tip ta' reati ghandhom jigu ikkudannati bis-shih. Illi dana ma kienx bizzejjed ghall-imputat, izda ipprova anke min ghalih jidhak bil-gustizzja meta fix-xhieda tieghu huwa ghogbu jivvinta storja ghal kollox inverosmili sabiex jiskolpa ruhu. F'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti ma tistax hlief tikkudnanna lill-imputat ghal piena karcerarja effettiva.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 43, 115©, 120 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 12(2), 13 u 14(1),(2) tal-Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament ta'l-akkuzi u tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax-il xahar prigunerija. Kif ukoll ghal hlas ta' multa ta' elfejn u hames mitt ewro (€2500).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------